**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 294/15 AL

**AB**
**vs**
**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Lulju, 2000 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, Y illi twieldet nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn (22.12.2000);

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono u li gie insinwat fir-Registru Pubbliku fit-13 ta' Marzu 2012 (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok A);

Illi l-partijiet ilhom de facto separati mit-tnax (12) ta' April 2011;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni  ohra/familji godda;

Illi l-kundizzjonijiet kollha misjuba fil-kuntratt ta' separazzjoni datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono qieghed jigi rrispettat miz-zewg partijiet;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante li thallset somma bil-quddiem bhala lump sum payment u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono qieghed jigi rrispettat miz-zewg partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab  li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tissottometti :

Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel zewg premessi tar-rikors promotur tal-attur A B, madankollu ma taqbilx interament mal-premessi l-ohra;

Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 25 ta' Frar 2012 u dana wara li l-attur nhar it-12 t'April 2011 ghazel li jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba relazzjoni adultera li huwa kellu ma` terza persuna;

Illi mhux minnu li l-esponenti ghandha rabtiet ma' persuni ohra jew familja gdida; effettivament huwa l-attur biss li sa minn mindu kien ghadu mizzewweg lill-esponenti , huwa ghazel li jiffrekwenta mara ohra;

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm huwa minnu illi llum l-ebda manteniment m'hu dovut bejn il-partijiet, u lanqas ghall-minuri stante li l-attur hallas l-istess permezz ta' lump sum, l-attur sal-gurnata tal-lum, ghadu obbligat li jhallas ghal nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni sal-eta` ta' 23 sena f'kaz li l-minuri tibqa` tistudja fuq bazi full time;

Illi ghalhekk qabel din il-Qorti tghaddi biex tiddegreta r-rikors odjern, l-attur ghandu jaghmel dikjarazzjoni li huwa ser jibqa` jhallas sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni sakemm bintu taghlaq l-eta` ta' 23 sena f'kaz li din taghzel li tibqa` tistudja fuq bazi full time; u dan anke in linea ma' gurisprudenza nostrana, fosthom id-digriet li nghata fl-ismijiet "*Giovanna sive Jane Borg vs Carmelo Borg";*

Illi ghaldaqstant l-esponenti mhix topponi ghat-talbiet tal-attur ghall-hall taz-zwieg u <u>dana wara li huwa jiddikjara bil-gurament tieghu li f'kaz li l-minuri Y sal-eta' ta' 23 sena taghzel li tibqa` tistudja fuq bazi full time, huwa ser jibqa` jhallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi u dawk ta' sahha straordinarja taghha;</u>

Illi finalment l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` D;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din il-Qorti, filwaqt li bir-rispett tissottometti illi hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2015;

Rat l-affiavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Frar 2012, izda de facto separati mit-12 ta' April 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment. Huwa xehed ukoll illi huwa dispost illi, f'kaz illi l-minorrenti taghzel illi tibqa tistudja, jibqa jhallas il-manteniment ghaliha sa kemm taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena;

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' D, u qeghda tilqa' t-talba taghha f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.